MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 26

**It-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa s-Sindku informa lill-membri lis-Sa Courtney Farrugia kienet indisposta minħabba l-eżitu tax-xogħol professjonali tagħha.

Oltre, il-Viċi Sindku kien ġej aktar tard minħabba fatt li fl-istess ħin kien qiegħed jattendi għal-Laqgħa tar-Reġjun Ċentru.

## 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 26.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tal-25 laqgħa ġew approvati unanimament

## 26.2.2 Korrezzjonijiet

**26.2.2.1** Minuta 23.6.6 tiġi taqra 25.6.6

## 26.3 Punti mqajjma mill-minuti

**26.3.1** Minuta 25.4.1 – Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fuq is-soft areas kollha ta' Triq il-Ferrovija ser isir kif previst mill-MELP. Data ta' meta ser jiskatta dan ix-xogħol qed ikun antiċipat Frar 2021.

### 26.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**26.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-applikazzjoni ta' LC Care Project 2020 u l-Kunsill ser jirċievi fondi ta' madwar €8k.

**26.4.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand SCSA fejn fi żmien il-festi tal-Milied, il-faċċata tal-uffiċċji tagħhom ser ikunu imdawla b'dawl dekorattiv tal-Milied. Għaldaqstant ser tissejjaħ Konferenza Stampa għal dan il-għan ser issir fl-4 ta' Diċembru 2020 fit-8:00pm fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

**26.4.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ircieva korrispondenza dwar skema tas-siġar. li tnehdiet mil-Ministru responsabbli mit-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Wara diskussjoni, il-membri qablu sabiex isiru siġar taż-żebbuġ fil-konki l-vojta li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp. F'dan il-mument Dott Carabott informa lill-membri li aktar tard fil-laqgħa kien ser jippreżenta rapport fuq Romeo Romano fejn irrimarka li hemm lok ta' fejn jistgħu jitħawlu aktar siġar.

### 26.5 Rapporti / Korrispondenza

**26.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Segretarju tal-każin tal-Partit Laburista f'Santa Venera sabiex fl-okkażżjoni tal-100 sena titħawwel sigra kommemorattiva fi planter li hemm faċċata fejn hemm il-każin. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament li huwa importanti li ma titħawwilx siġra taċ-ċipress u jekk tkun taċ-ċipress din għandha titħawwel fi Triq il-Kanun fejn hemm il-by pass il-ġdida.

**26.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li rċieva mingħand l-Awtorita' tad-Djar li Blk E ma jistawx jipparteċipaw fl-iskema tal-awtorita' tad-Djar peress li r-residenti tal-blokka huma kollha sidien tal-istess appartamenti. F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona sabiex napplikaw għal Blk M, ta' Triq Ġwanni Azzopardi. Il-membri qablu unanimament

**26.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li saret talba mir-residenti ta' Triq Dun Alfred Gatt u Triq l-Istitut Bonnici sabiex isir tiżjin tal-Milied liema tiżjin ser isir direttament mir-residenti. Iżda huma qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex nipprovdu siġra artifiċjali

tal-Milied u meter tad-dawl mit-30 ta' Novembru 2020 sat-8 ta' Jannar 2021. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

**26.5.4** Is-Sindku ppreżenta korrispondenza mir-Reġjun Ċentru dwar xi jrid isir jekk il-Kunsill Lokali xtaq li jinstalla *Speed Cameras* fi Triq il-Kbira San Ġużepp u fi Triq il-Ferrovija. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex din it-talba titressaq b'mod formali lir-Reġjun Ċentru sabiex b'permezz tagħha isir rapport li jkun qiegħed qed ikopri l-lokalitajiet tar-Reġjun kollu.

**26.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**26.6.1 Rendikont Finanzjarju Lulju 2020 - Settembru 2020**

Is-Sindku talab lill-*Accountant*, is-Sur Michael Debono, jispjega fid-dettal lill-membri preżenti r-rendikont finanzjarju dak ta' bejn Lulju u Settembru 2020.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Kursten Dimech ssekonda filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**26.6.2 Estimi tal-Bagit 2021**

Is-Sur Michael Debono spjega fid-dettal lill-membri tal-Kunsill l-estimi tal-bagit 2021. Ġew diskussa il-*Financial Committments* kollha li l-Kunsill għandu għas-sena 2021 fejn jirrigwardaw il-proġetti kapitali u l-ġbir tal-iskart.

Is-Sindku ppropona l-bagit hekk kif kien ġie duskuss filwaqt li s-Sur Joseph Vella issekonda lis-Sindku u l-membri qablu unanimament.

**26.6.3 Attivita' għal żmien il-Milied**

Is-Sindku informa lill-membri dwar l-attivitajiet fi żmien il-Milied li jistgħu isir mat-toroq ta' Santa Venera. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva kwotazzjonijiet mingħand żewġ kumpaniji.

(i) Leon Promotions fejn dawn qed jipproponu sabiex iġibu karru zgħir li attrezzat bis-sound u dawl appost biex minn kull fejn jgħaddi, jferraħ lin-nies bil-muzika tal-Milied. L-ispejjeż konnessi huma ta' €240 inkluz VAT.

(2) Big Friends Guggen Musik fejn din il-banda qedgħaa torganizza parata originali fejn f'din il-vettura jkun hemm mużicisti u timxi mat- toroq tal-lokal.

1. Ghal siegha tiswa €1,200
2. Ghal siegha il-van bis- sound €300
3. Għal sagħtejn €2,000

Wara diskussjoni bejn il-membri qablu sabiex tinġieb kwotazzjoni oħra għal possibilta li ssir parata b'kostumi mat-toroq kollha tal-lokal. Apparti minn

hekk il-membri qablu sabiex issir kompetizzjoni għar-residenti għal min iżejjen l-isbaħ faċċata.

F’dan il-ħin is-Sur Silvio Vella ġiet skużat għall-kumplament tal-laqgħa minħabba li kellu appuntament ieħor.

### 26.6.4 *Tender: Tabelli u Sinjali*

Is-Sindku informa lill-membri lit-Tender tat-Tabelli u Sinjali kien ġie aġġudikat mill-Bord. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri lir-rapport joħroġ awtomatiku mis-sistema tal-ePPS wara li l-membri tal-Bord għamlu analiżi profonda skont ir-rekwiżiti mitluba fit-tender. Ir-rapport ikklassifika lill-Offeranti kif ġej:

| Tender ID | Tenderer name | Financial offer after arithmetical correction (if applicable) (Euro) | Final ranking |
|---|---|---|---|
| 000138852 | B GRIMA & SONS LTD | 50,649.30 | 1 |
| 000138887 | Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku | 53,450.30 | 2 |

### 26.6.5 *Tender: Contrcts’ Manager*

Is-Sindku informa lill-membri lit-Tender tal-Contracts’ Manager kien ġie aġġudikat mill-Bord. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri lir-rapport joħroġ awtomatiku mis-sistema tal-ePPS wara li l-membri tal-Bord għamlu analiżi profonda skont ir-rekwiżiti mitluba fit-tender. Ir-rapport ikklassifika lill-Offeranti kif ġej:

| Tender ID | Tenderer name | Financial offer after arithmetical correction (if applicable) (Euro) | Final ranking |
|---|---|---|---|
| 136606 | Synthesis Management Services Limited | 41520 | 1 |
| 136548 | Carbonaro Joseph Mary | 67200 | 2 |
| 136721 | Vanessa D'Agostino | 70000 | 3 |
| 135915 | GCS Accounting Malta Limited | 95000 | 4 |
| 136724 | YAMA YAMI LTD | 14400 | Ineligible |

## 26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa Dott. Carabott informa lill-membri dwar rapport li hu flimkien mas-Sotto Kumitat tal-Ambjent għamel sabiex jitneħħew siġar li kienu mejta u jitħawlu siġar ohra minflokhom. Dott. Carabott żied jgħid li l-istess rapport għaddieh lill-Kunsill.

.

## 26.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti ġiet diskussa u approvata. Skeda ta' pagament: Proponent: Joe Vella u Sekondant: Kursten Dimech

## 26.9 Ilmenti

**26.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 832 sa 882.

| | |
|---|---|
| 832 | Ġiet deċiża fl-aħħar laqgħa |
| 840 | Ġiet deċiża fl-ahhar laqgħa |
| 842 | Titneħħa temporanjament u terga' titwaħħal meta jsir ix-xogħol għas-spejjez tagħhom |
| 843 | Qed issir minn IM |
| 844 | Logografix |
| 847 | Contract Manager |
| 848 | IM |
| 849 | Ma jistax jitneħħa għax huwa arblu tal-Melita u hemm servizzi għaddejjin |
| 852 | Igibu il-firem tar-residenti ta' fejn ser issir *sleeping police* |
| 854 | Ma tistax issir |
| 859 | Ħaddiema Assenjati |
| 863 | Work Order Grima & Sons |
| 868 | Isir taħt il-mera |
| 870 | Work Order Grima & Sons |
| 876 | Jiġi riferut lil IM |
| 877 | Work Order Grima & Sons<br>TM |

## 26.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-8.00 pm u ġiet aġġornata għal-21 ta' Diċembru 2020, fis-6.00pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 21 ta' Diċembru, 2020